DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 162862** **13.12.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT**

***Id-diskors tal-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca fl-okkażjoni taċ-ċerimonja tal-investitura f'Jum ir-Repubblika***

*Repubblika bieżla*

Lejliet appuntament internazzjonali mill-aktar importanti għall-pajjiżna … il-Presidenza Maltija tal-Kunsill Ewropew … Malta qed tiċċelebra it-tnejn u erbgħin sena mir-Repubblika tagħha.

Repubblika li qed taħdem aktar, qed tgħix aktar fit-tul, qed titgħallem aktar, qed titħallat aktar ma' ġnus oħra u qed tesplora d-dinja ferm aktar minn qatt qabel.

*Repubblika li ma tistax taljena ruħha*

Iżda, mill-esperjenzi tiegħi, mal-poplu tagħna, fit-toroq ta' pajjiżna, il-ħajja Repubblikana mhijiex turina suċċessi biss. Għalhekk, l-okkażjoni tal-lum tagħtina opportunità ta' riflessjoni.

In-nuqqasijiet materjali; l-esklużjoni soċjali; it-theddida għall-kwalità tal-ħajja b'riżultat ta' żvilupp li mhux dejjem huwa sostenibbli; l-iffullar ta' żoni residenzjali; il-limitazzjoni ta' spazji pubbliċi; l-istorbju u d-dewmien fit-traffiku; u l-iskarsezza tal-onestà u l-verità fil-ħajja politika.

Dawn huma wħud mit-temi li qed jinkwetaw lill-Maltin u liż-żgħażagħ ta' rieda tajba f'pajjiżna, u li jixtiequ li r-Repubblika ta' għada, tkun aħjar minn dik tal-lum.

*Pont internazzjonali għall-paċi*

Sadanittant, matul l-aħħar tnax-il xahar, it-tensjoni bejnietna, u bejn dawk li jqisu lilhom infushom Maltin, u dak li xi Maltin iqisuh bħala l-aljen, kompliet tiżdied.

Dawk li jġibu raġunijiet demografiċi u ekonomiċi, normalment iħallu bieb imbexxaq għall-konverżazzjoni kalma, matura u raġunata. Iżda mhux l-istess jista' jingħad għal min biegħ ruħu lir-razziżmu.

Bħala gwardjan tal-Kostituzzjoni, nemmen li Malta għandha tkompli tospita b'imħabba u rispett lill-ġnus kollha li jgħammru fostna u li jżuruna.

Nemmen li moralment, m'għandniex, lil dawk li qed jgħinu fil-prosperità ta' pajjiżna, u li ilhom is-snin parti mis-soċjetà tagħna, flok napprezzawhom, nikkastigawhom, billi nibgħatuhom lura.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Nemmen li dan il-pajjiż għandu jibqa' jtenni l-vokazzjoni tiegħu li jservi ta' spazju u pont internazzjonali għad-djalogu interkulturali u għal paċi.

Nemmen wkoll li din ir-Repubblika għandha tibqa' kenn għad-drittijiet umani u ma tittollera ebda manifestazzjoni ta' mibegħda, turufnament intern jew ħakma ta' kultura fuq oħra.

Minkejja kollox, dan ma jfissirx li l-Ewropej m'għandhomx jirrispettaw lil pajjiżna u ma jerfgħux il-piż magħna ... u bħalna.

*Drittijiet umani – it-triq tal-maturazzjoni*

Jien konvinta li jekk irridu li r-Repubblika tagħna tkompli fit-triq tal-maturazzjoni, jekk irridu nkomplu noħolmu li pajjiżna għad isir mudell eżemplari ta' demokrazija u ġustizzja soċjali, irridu nagħżlu li:

- Jekk se ninżlu fit-toroq, se nimxu favur ir-rikonċiljazzjoni, it-tama, is-solidarjetà u l-kollettività.
- Jekk se nipprotestaw, se nipprotestaw kontra x-xenofobija, ir-razziżmu, l-esklużjoni soċjali u l-isfruttament tal-ħaddiem għall-profitt.
- Jekk se niċċelebraw, se nifirħu b'aktar drittijiet ċivili, b'liġijiet anqas diskriminatorji, b'liġijiet li jipproteġu l-ħajja ta' kwalità, bid-dinjità tal-bniedem, bl-inklużjoni ekonomika, kulturali u soċjali, u bl-opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

Il-Kostituzzjoni u l-Karta tad-Drittijiet Universali tal-Bniedem għandhom jibqgħu d-dawl li juruna t-triq tas-sewwa. Għalhekk, nappella biex ħadd ma joħroġ mill-proċess edukattiv mingħajr għarfien tajjeb tal-kelma u l-ispirtu ta' dawn iż-żewġ dokumenti fundamentali għalina lkoll.

Sadattant, intenni li:

- Min jgħid li hu fuq in-naħa tas-sewwa ma jistax ikun hu li jiżra' l-mibegħda.
- Min jgħid li hu fuq in-naħa tad-demokrazija, ma jistax ikun hu li jxekkel id-demokrazija parteċipattiva.
- Min jgħid li jrid il-ġustizzja soċjali, ma jistax ikun hu li jwarrab lin-nies mill-ġid komuni.
- Min jgħid li għandu għal qalbu l-kwalità tal-ħajja, ma jistax ikun hu li jgħaffeġ fuq il-ħlejjaq li jsostnuh.

*Żvilupp ekonomiku u soċjali*

Il-bżulija tagħna l-Maltin, il-ħidma tal-komunità internazzjonali f'Malta li għarrfet toħloq il-ġid magħna, l-investiment dirett tal-barrani li għamel lil din l-art l-estensjoni ta' daru, u l-klima politika u ekonomika stabbli, wasslu biex dan il-pajjiż joħloq il-ġid b'rata aktar mgħaġġla minn ta' ħafna pajjiżi Ewropej.

Nieħu pjaċir ninnota r-rata għolja ta' tkabbir ekonomiku, it-tkattir tax-xogħol, it-tnaqqis fil-qgħad, it-tnaqqis tad-dejn nazzjonali u l-parteċipazzjoni akbar tal-mara u ta' persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol.

Progress ekonomiku rikonoxxut, saħansitra anke, mill-aġenziji ta' kreditu internazzjonali.

Kull persuna li jirnexxilha tqum fuq saqajha hija rebħa għall-individwu u għas-soċjetà Maltija. L-inkluzjoni soċjali u ekonomika ta' kull individwu, fl-ispirtu tal-Kostituzzjoni Repubblikana, għandha tibqa' l-mira ewlenija f'politika li tgħaqqad l-iżvilupp ekonomiku mal-ġustizzja soċjali.

Filwaqt li fraħt u nifraħ b'kull statistika pożittiva dwar pajjiżna, b'dieqa ninnota li għad fadal numru konsiderevoli ta' familji, li minkejja l-bżulija tagħhom, u minkejja li jbatu f'xogħolhom, għad m'għandhomx is-serħan il-moħħ ekonomiku.

Huwa immorali li nħallu f'xifer il-faqar jew fi stat perpetwu ta' tallab lil min dejjem ħadem, jew lil min ġenwinament ma jistax jaħdem. Ikun ta' għajb kbir għar-Repubblika jekk dan il-mument pożittiv għall-ekonomija ma nużawhx biex inkomplu nwaqqgħu l-ħitan tad-differenzi soċjoekonomiċi. Repubblika ġusta tieħu dawn id-differenzi bis-serjetà u tindirizzahom b'sens qawwi ta' urġenza.

Għandi t-tama li l-miżuri kkontemplati mis-sena d-dieħla jħallu impatt pożittiv fuq komunitajiet li ilhom ibatu s-snin.

Jekk dan ma jkunx biżżejjed, nappella lill-politiċi tagħna biex ikomplu jieħdu l-azzjonijiet meħteġa ħalli min hu batut, iqum tassew fuq saqajh.

Repubblika ħanina ma taċċettax it-teżi li ekonomija b'saħħitha u attraenti għall-investiment lokali u barrani għandha tkun ibbażata fuq poplu bieżel imħallas bi ftit.

L-isfruttament m'għandu għeruq fl-ebda qafas etiku u morali, u allura, l-imġiba korretta f'dan il-qasam titlob li l-problema tal-isfruttar tal-ħaddiem tiġi attakkata bil-qawwa mill-istituzzjonijiet kollha kompetenti.

Napprezza x-xogħol tas-soċjetà ċivili li żammet il-faqar fuq l-aġenda nazzjonali. Nittama li d-djalogu u d-diskussjoni pubblika dwar il-paga minima jwasslu għal azzjoni konkreta f'qasir żmien, għax il-messaġġ ilu miktub fuq il-ħajt – paga xierqa għal min jaħdem għaliha.

Il-ħaddiem prekarju, li jgħix ħajtu f'inċertezza perpetwa, ma jistax ikompli jistenna.

*Paga indaqs għan-nisa u rġiel*

L-istess ħidma trid titkompla biex naraw li n-nisa jitħallsu daqs l-irġiel għall-istess xogħol li jagħmlu. Ċifri komparattivi Ewropej juru li filwaqt li rnexxielna nżidu l-ammont ta' nisa jaħdmu barra d-dar, id-distakk fil-ħlas għall-istess xogħol żdied meta mqabbel mal-progress f'dan ir-rigward irreġistrat minn xi pajjiżi Ewropej.

Statistika mill-Eurostat, ippublikata f'Novembru ta' din is-sena, turina li d-differenza fil-pagi għall-istess xogħol bejn in-nisa u l-irġiel hija ta' ħdax fil-mija anqas għan-nisa. Dan huwa distakk soċjali u ekonomiku inaċċettabbli u diskriminatorju li jeħtieġ li jittieħed b'aktar serjetà u indirizzat b'aktar ħeġġa.

*Vjolenza domestika*

Għaddiet sena oħra Repubblikana u b'dispjaċir ninnota li l-każijiet ta' vjolenza domestika ddominati minn swat, stupru, u ċaħda materjali, ma waqfu xejn. Nisa, ħafna aktar minn irġiel, qed jgħixu bit-theddid u l-biża' għall-saħħithom u ħajjithom kuljum.

Filwaqt li l-indipendenza ekonomika għenet il-ħelsien tal-mara, il-vjolenza domestika, għadha ddallam għadd ta' relazzjonijiet soċjali f'dan il-pajjiż.

Il-veru ħelsien huwa bbażat fuq ir-rispett reċiproku u l-għarfien li ġisem il-bniedem mhu propjetà ta' ħadd. Hawnhekk nappella għat-tisħiħ tal-edukazzjoni interpersonali, għat-titjib tas-servizzi ta' solidarjetà f'dan il-qasam, u għal ġustizzja effettiva mal-vittmi.

*Traffikar uman*

Nappella wkoll biex l-awtoritajiet iħarrxu aktar il-glieda kontra t-traffikar uman, speċjalment ta' nisa li qed jiġu mqarrqa minn kriminali li jwiegħdu s-sema fl-art lill-vittmi tagħhom. Jekk nagħlqu għajnejna għal dan il-fenomenu, inkunu qed inġibu fix-xejn l-għajta tad-drittijiet ċivili.

*Akkomodazzjoni soċjali*

Ħolqa importanti fil-katina tal-ġustizzja soċjali hija l-akkomodazzjoni. Repubblika ġusta ma tittollerax sitwazzjonijiet fejn familji differenti jiċċaħħdu mill-privatezza tagħhom għax ikollhom jgħixu flimkien, għax il-kirja hija għolja wisq għalihom, jew, agħar minn hekk, fejn familji jispiċċaw bla saqaf fuq rashom.

Is-suq dejjem il-profitt fittex.

Għalhekk, huwa l-obbligu tal-Istat li jara li, iċ-ċittadini ta' dan il-pajjiż jaċċessaw spazji abitabbli bi ħlas soċjali. Hekk kif il-piż fuq l-individwi u l-familji f'dan il-qasam qiegħed jiżdied, l-awtoritajiet kompetenti jridu jħaffu l-pass biex il-proġetti ta' bini ġdid u riabilitazzjoni ta' bini eżistenti għall-akkomodazzjoni soċjali, jibdew u jitlestew f'qasir żmien.

Filwaqt li bi pjaċir ninnota ż-żieda fis-sussidju fuq il-kirjiet mis-sena d-dieħla, din il-miżura m'għandhiex titqies bħala l-bidu u t-tmiem tal-ħidma li hemm bżonn issir. B'hekk inkunu qed nassiguraw provediment ta' akkomodazzjoni soċjali xierqa.

*L-ambjent*

Tul is-sena li għaddiet, l-ambjent baqa' fuq nett tal-aġenda nazzjonali. Sena li matulha kibret it-tensjoni bejn is-soċjetà ċivili, bejn ir-residenti, bejn l-iżviluppaturi, u bejn l-awtoritajiet.

Minn din it-tensjoni joħroġ ċar li mhux kull żvilupp legali jista' jitqies bħala żvilupp aċċettabbli bil-kejl tal-kwalità tal-ħajja u tal-ħarsien tal-biodiversità.

Jien konvinta li t-tensjoni fil-qasam tal-ambjent tonqos qatigħ jekk id-djalogu u l-kwalità tal-ħajja tagħna, u tal-ġenerazzjonijiet futuri, jitpoġġew fiċ-ċentru tal-proċess tal-ippjanar u tal-iżvilupp.

Kull meta niltaqa' mat-tfal – li huwa ta' spiss – huma qegħdin jgħiduli li l-imkejjen miftuħa fejn jilagħbu skarsaw, u li t-tnaqqir tal-ispazji miftuħa faqqrilhom ħajjithom, minkejja li ħafna minnhom jidhru li ma jonqoshom xejn.

Fost affarijiet oħrajn, it-tfal jaqsmu miegħi wkoll it-tħassib tagħhom dwar l-arja mniġġsa mill-emissjonijiet tat-traffiku u dwar it-tniġġis akustiku, jew *noise pollution*.

Jekk m'aħniex ser inżommu l-kwalità tal-ħajja tagħna llum, u tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin fiċ-ċentru tal-iżvilupp, dan se jfisser għatx ambjentali għada, u aktar eskluzjoni soċjali.

Sfortunatament għall-poplu tagħna, l-awtoritajiet f'pajjiżna, fl-ebda żmien, ma żammew biżżejjed … fiċ-ċentru tal-iżvilupp … il-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet li għaddew, ta' llum u tal-futur.

Jekk ser nibqgħu sejrin hekk, il-ġenerazzjonijiet li ġejjin żgur li ma jfakkruniex b'ġieħ jekk se nkomplu ngawdu l-mument b'ebda għarfien tad-drittijiet tal-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu.

Għalhekk, nappella għall-għaqal u għall-integrità fil-qasam tal-ippjanar, u għall-għarfien sħiħ tal-prinċipju li n-nies għandhom jiġu qabel il-profitt.

Jeħtieg li l-politiċi tagħna jaħdmu flimkien għal viżjoni u strateġija ambjentali fit-tul, li tmur lil hinn mill-leġiżlatura waħda.

*Riċiklar*

Irrid ninnota wkoll li rridu nkomplu nżidu l-isforzi, ma' dawk li qegħdin isiru fil-qasam tar-riċiklar, biex nassiguraw li niksbu r-riżultati mixtieqa. Ma' nistgħux inħallu lil Malta tintradam taħt l-iskart li qegħdin nipproduċu.

Irrid infakkar li, mar-riċiklar u l-użu mill-ġdid tal-materjal, hemm il-prinċipju tat-tnaqqis fil-konsum. Il-kriżi tal-iskart ġej primarjament minn ekonomija mibnija fuq konsum bla rażan. Dan huwa aspett ieħor fl-ambjent tagħna li qed imarradna jekk ma npoġġux il-konsum għall-bżonn, qabel il-konsum bla bżonn.
Il-prinċipju ta' naħdmu biex nikkunsmaw u l-enfasi fuq il-konsum bħala kejl tas-suċċess ekonomiku huma żewġ realtajiet li għandhom l-effett li jxejnu kull politika favur l-ambjent u l-immaniġjar tiegħu.

Hemm bżonn ta' politika aktar koerenti u strateġija anqas frammentata f'dan il-qasam jekk iridu nevitaw kriżi serja fil-qasam tas-saħħa u tal-ambjent.

*Edukazzjoni*

Fis-sena Repubblikana li għaddiet, reġa' sar investiment qawwi fl-edukazzjoni. Investiment li ssarraf fi skejjel ġodda, tiswija ta' oħrajn, teknoloġija ġdida, aktar taħriġ kontinwu, skemi għal min waqa' lura u oħrajn preventivi, u inizjattivi oħra. Minkejja dan l-investiment, l-analiżi xjentifika tal-esperti edukattivi ewlenin ta' pajjiżna, u oħrajn, għadha tagħtina riżultati fl-edukazzjoni li normalment ma nassoċjawhomx ma' pajjiżi li qegħdin jaspiraw li jkunu fost l-aqwa f'dan il-qasam.

Il-mijiet li ma joqogħdux għall-eżami tas-SEC, il-mijiet l-oħra li ma jgħaddux mill-istess eżamijiet wara ħdax-il sena ta' edukazzjoni obbligatorja; it-terz tal-popolazzjoni studenteska li toħroġ mingħajr ħiliet bażiċi mill-fażi tal-edukazzjoni obbligatorja; il-qrib l-20% taż-żgħażagħ li, la qegħdin fl-edukazzjoni, u lanqas fit-taħriġ; il-parteċipazzjoni baxxa tal-adulti fl-edukazzjoni tul il-ħajja; u n-nuqqas ta' ħiliet marbutin mad-dinja tax-xogħol, huma fost l-indikaturi ta' tħassib marbutin mal-qasam edukattiv.

Irridu naħdmu b'mod dirett mal-familji, fil-komunitajiet tagħna u mal-iskejjel biex niżguraw li t-tfal ma jaqtgħux l-aptit għat-tagħlim kmieni f'ħajjithom.

Sfida ta' dan il-kobor ma tistax tiġi indirizzata b'mod frammentat.

Din mhix problema tal-qasam edukattiv biss.

Il-politika fl-oqsma soċjali, ekonomiċi u tas-saħħa għandha effett dirett fuq il-ħajja edukattiva fid-djar, u fuq il-preżent u l-futur edukattiv tal-individwu.

Id-dritt ta' aċċess ekwu għall-edukazzjoni huwa wieħed mill-ħafna drittijiet fundamentali ta' wliedna.

*Drittijiet tat-tfal*

Irrid nieħu l-opportunità wkoll biex infakkar fl-importanza u fl-urġenza li t-tfal tagħna għandhom jingħataw, bis-saħħa tal-ligi, id-drittijiet li pajjiżna kkommetta ruħu għalihom 26 sena ilu; meta rratifika l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda Dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u l-protokolli sussegwenti. Protokolli li jħarsu u jipproteġu wkoll lit-tfal mill-abbuż tal-prostituzzjoni u tal-pornografija.

Nappella wkoll biex il-Protokoll dwar l-aċċess għall-ġustizzja mit-tfal jiġi ffirmat u rratifikat. Għalhekk qed inħeġġeġ biex ma jintilifx aktar żmien, u t-tfal Maltin u Għawdxin jingħataw id-drittijiet tagħhom infurzati minn liġi komprensiva għalihom.

*Il-qasam tas-saħħa*

Fil-qasam tas-saħħa, ħadt pjaċir ninnota żieda fil-baġit għall-mediċini relatati mal-kura tal-kanċer. Irridu nkomplu naħdmu biex il-Maltin u l-Għawdxin ikollhom aċċess sħiħ, komplut, u b'xejn għall-kura ta' mard kiefer li jaħsad u jfaqqar.

*L-arja politika*

Matul is-sena li għaddiet, l-arja politika kompliet titqal. Ħafna mill-ġid li l-politiċi jwettqu flimkien, permezz ta' diversi laqgħat f'kumitati u liġijiet ta' fejda għal kulħadd, qiegħed jintradam taħt munzelli ta' akkużi u kontroakkużi, tgħajjir, insinwazzjonijiet, skavar ta' stejjer personali, u tfigħ ta' tajn.

Dan kollu jwassal biex in-nies jinsew li l-politika qiegħda hemm biex kuljum ittejjeb il-kwalità tal-ħajja personali u kollettiva, u biex għada jisbaħ jum aħjar għalina lkoll.

Il-partiġġjaniżmu u l-popoliżmu sfrenat ibaxxu l-istima li għandha tgawdi l-ħidma politika.

Il-partiġġjaniżmu u l-popoliżmu sfrenat jifirdu lil poplu, li s-saħħa tiegħu għandha tkun fl-għaqda u fir-rispett lejn id-diversità.

Nistqar li l-imġiba fil-politika kif qed tiżviluppa f'pajjiżna qed tinkwetani.

Qed ikunu t-tfal u ż-żgħażagħ stess li qed jgħiduli li qed jiddejqu bl-eżempji mill-agħar li l-politiċi tagħna qed jagħtuhom fil-mod ta' kif qed iġibu ruħhom ma' xulxin.

Din is-situazzjoni qed tinkwetani wkoll għaliex qed twassal biex nies serji u mħajra għas-servizz ta' ħaddieħor jitbiegħdu flok iqarrbu biex jidħlu għall-ħajja pubblika.

Għalhekk, se nieħu l-okkażjoni biex nappella u nħeġġeġ lit-tfal u ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin, biex ma jiddejqux juru li mill-politiċi tagħna jistennew eżempji li jispiraw il-pożittività fil-politika.

Irrid nappella wkoll liż-żgħażagħ biex ikunu l-attivisti tas-sewwa u jipparteċipaw fil-politika, ħalli nassiguraw li pajjiżna fil-futur, igawdi minn mexxejja li jirriflettu l-vuċi genwina u onesta ta' dawk li jirraprezentaw.

L-imġiba tal-politiku għandha kontenut edukattiv qawwi. Għalhekk, id-dibattitu politiku għandu dejjem ikun infurmat, uman, dinjituż, integru, kalm u, fuq kollox, rispettuż.

*Il-Midja Tradizzjonali u s-Social Media*

Hija moralment u etikament inaċċettabli, li xi sezzjonijiet tal-midja tradizzjonali, kif ukoll *bloggers* u individwi, qed jinqdew bis-*social media* biex tiġi attakkata l-ħajja privata ta' persuni, u tal-familja tagħhom, kemm jekk fil-ħajja pubblika jew le. Dan jagħmluh biex mingħalihom jingħoġbu ma' ċertu sezzjonijiet ta' nies u jiffomentaw il-mibgħeda fostna, izda dan ma huwa xejn ħlief vjolenza psikoloġika maħsuba fuq il-persuna tal-individwu, u mhux attakk fuq il-ħsieb jew il-fehma tal-persuna.

Il-libertà tal-espressjoni ma tagħti dritt lil ħadd biex jhedded id-drittijiet tal-bniedem, inklus rispett għal ħajja familjali u għal privatezza.

Bħala poplu, ma nistgħux naċċettaw dawn l-oxxenitajiet. Dan huwa għajb għal min qed jagħmlu, għalhekk nerġa nappella lil partiti politiċi, lil entitajiet pubbliċi kollha, u l-poplu ta' rieda tajba, biex jiddisassoċjaw ruħhom pubblikament minn dawn l-individwi.

Nixtieq ukoll li l-poplu tagħna jagħraf jgħarbel u jixtarr sew qabel ma jemmen kulma jiġi rrapurtat fuq il-midja differenti.

Jinħtieġ li ninvestu ferm aktar fl-edukazzjoni dwar il-midja mhux biss għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, iżda wkoll għall-adulti.

*Il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*

Fix-xhur li ġejjin Malta għandha l-opportunità li tafferma l-prinċipji u l-valuri tagħha ma' sħabha l-Ewropej. Nistenna li s-sitt xhur tal-Presidenza Maltija jkunu xhur fejn jiddomina d-diskors tas-solidarjetà u jfeġġu sinjali konkreti ta' azzjoni fl-istess direzzjoni.

L-Ewropa għandha bżonn tirkupra l-kredibilità mal-poplu komuni, dak li jaqlagħha u jikolha.

Konvinta li pajjiżna ser ikun qed jaħdem biex, f'dawn is-sitt xhur li ġejjin dan il-kontinent f'nofs maltempata, jara l-bnazzi li jixraqlu.

*Konklużjoni*

Għeżież Maltin u Għawdxin, grazzi tal-ħidma tagħkom b'risq Malta Repubblika.

Grazzi tal-ħin li ddedikajtu lil uliedkom u lil għajrkom.

Nitlobkom tkomplu b'ħidmietkom filwaqt li nħeġġiġkom tiddefendu s-sewwa, bla biża' u b'konsistenza.

Viva Malta Repubblika.